MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2008

Appell Kriminali Numru. 91/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**George Mizzi**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra George Mizzi talli fil-5 ta’ Novembru 2007 ghall-habta ta’ 07.30 hrs f’Blata l-Bajda (St. Joseph Convent School):

(1) Bhala driver tal-vettura AVY-020 ghamel jew ordna jew gieghel li jsir xi tibdil fil-body, inkluz kemm jistghu jitghabbew passiggieri bilqieghda jew l-arrangamenti tas-sedili tal-passiggieri, jew xi tibdil mekkaniku fix-chassis jew fil-magna ta’ xi vettura bil-mutur u/jew bhala driver uza l-istess vettura bl-imsemmija alterazzjoni minghajr ma

kellu l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem ta’ l-Awtorita` dwar it-Trasport ta’ Malta;

(2) B’hekk ghamel uzu ta’ l-imsemmija vettura Nru. AVY-020 minghajr ma kienet koperta b’polza tas-sigurta`.

Il-Qorti giet mitluba li minbarra li taghti l-piena stabbilita tordna li l-imsemmija persuna jnehhi l-alterazzjoni jew li jesegwixxi l-ligi fi zmien sufficjenti ghaldaqshekk kif jigi stabbilit mill-Qorti taht penali ta’ *ammenda* ta’ zewg liri kuljum fin-nuqqas, kif ukoll li jigi skwalifikat mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-3 ta’ April 2008, li permezz taghha dik il-Qorti, wara li rat ir-regolament 91(1)(a) tal-A.L. 128/1994 u l-artikolu 3 tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-imsemmi George Mizzi hati ta’ l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu u kkundannatu *ammenda* ta’ €58.23 ghall-ewwel imputazzjoni u tliet xhur prigunerija ghat-tieni imputazzjoni b’dan li, wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat li din is-sentenza ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perijodu ta’ sentejn mid-data tas-sentenza l-istess George Mizzi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija. Inoltre, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 3(2A) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta’ Malta, skwalifikatu milli jkollu jew milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar mid-data tas-sentenza. Barra minn dan, bl-applikazzjoni ta’ l-artikolu 321 tal-Kap. 10 tal-Ligijiet ta’ Malta, ordnat lill-istess George Mizzi li jesegwixxi l-ligi billi jaghmel il-gradilja fil-vettura AVY-020 fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza u fin-nuqqas jehel penali ta’ €4.66 *ammenda* ghal kull gurnata li jkompli tali nuqqas wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi George Mizzi pprezentat fil-11 ta’ April 2008 li permezz tieghu talab li din il-Qorti (1) tirrevoka s-sentenza appellata billi tigi inflitta piena anqas harxa u idonea fic-cirkostanzi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta’ l-appellant huma fil-qosor is-segwenti: (1) Huwa gie akkuzat fl-ewwel imputazzjoni li bidel is-seats tal-van li kien qieghed isuq izda huwa fil-fatt ma bidilx seats minn kif hargu meta nxtara l-van. Immedjatament wara s-sentenza pero` huwa wahhal il-gradilja li suppost kien hemm originarjament; (2) It-tieni imputazzjoni ma tirrizultax peress illi l-prosekuzzjoni ma gabitx prova certa; (3) Minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena hi wahda eccessiva.

Dwar l-ewwel imputazzjoni jinghad mill-ewwel li l-appellant m’ghandux ragun. Hawn qieghed jigi akkuzat skond dak li jipprovdi r-regolament 91 ta’ l-Avviz Legali 128/1994. Dan ir-regolament mhux biss jipprojbixxi permezz tas-subregolament (1)(a) li “jsir tibdil fil-*body*, <u>inkluz kemm jistghu jitghabbew passiggieri bilqieghda jew l-arrangamenti tas-sedili tal-passiggieri</u>” (sottolinear ta’ din il-Qorti), izda jipprojbixxi wkoll permezz tas-subregolament (2) li persuna “tuza” vettura bil-mutur “meta tkun taf li din tkun qieghda tikser id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1)”.

Jirrizulta mill-provi li l-van in kwistjoni kellu erbatax-il *seat* meta suppost kellu ghaxra, f’kull kaz oltre x-xufier. L-appellant xehed illi l-van kien inxtara bis-sedili kif kien fis-sena 2000. Mix-xiehda ta’ Brian Farrugia mil-*Licensing and Testing Directorate* jirrizulta li l-van in kwistjoni (AVY-020) gie registrat f’isem Joseph Mizzi (hu l-appellant) fil-15 ta’ Frar 2000. Is-*seating capacity*, qal dan ix-xhud, huwa ta’ ghaxra minbarra x-xufier, jigifieri total ta’ hdax. Dan ifisser li xi tibdil sar fil-van biex ikunu jistghu joqoghdu aktar passiggieri. Il-kwistjoni effettivament ghalhekk hi jekk l-appellant kienx “jaf” li l-van imsemmi kienx qieghed jikser id-disposizzjonijiet tas-subregolament (1) tar-regolament 91 imsemmi meta instab isuqu fil-5 ta’ Novembru 2007.

L-appellant xehed li l-van huwa ta' l-ahwa u kulhadd isuqu izda l-aktar li kien isuqu huh, illum mejjet. Mistoqsi kemm kien ilu jsuq il-van bhala xoghol, wiegeb: *"Minn dejjem xogholna dan ghax ahna dan ix-xoghol ghandna u driving lessons biss, motoring school"*. Persuna li taghmel dikjarazzjoni bhal din hi mistennija li tkun taf il-ligi, mistennija li tkun taf ir-regolamenti li ghandhom x'jaqsmu ma' dak li hu direttament u unikament ix-xoghol tieghu. Ghalhekk l-appellant ma jistax jghid li ma kienx jaf li l-van in kwistjoni ma kienx skond dak li tipprovdi l-ligi. U effettivament l-aggravju tieghu hu li hu ma ghamel ebda tibdil fil-van. Izda anke jekk stess hu personalment ma ghamel l-ebda tibdil, u din il-Qorti hi propensa li temmnu f'dar-rigward, jibqa' l-fatt li kien qieghed isuq van li ma kienx skond il-ligi in kwantu n-numru ta' sedili fih.

Ghalhekk l-ewwel aggravju huwa respint.

Permezz tat-tieni aggravju tieghu l-appellant jghid illi l-prosekuzzjoni ma gabitx prova certa (*sic!*) dwar din l-imputazzjoni. Jghid li sa fejn jaf hu kellu assigurazzjoni valida li kienet tkoprih.

Mill-provi rrizulta li fil-5 ta' Novembru 2007 l-appellant gie osservat mis-*senior enforcement officer* Joseph Azzopardi hdejn St. Joseph Convent School b'sbatax-il student fil-van li kien registrat bhala *10-seater* izda li effettivament kellu erbatax-il *seat*.

Irrizulta mill-provi illi fil-perijodu in kwistjoni kien hemm koncessjoni illi meta l-passiggieri jkunu tfal taht it-tnax-il sena, setghu jitghabbew hamest itfal ohra, jigifieri hmistax b'kollox. Ghalhekk fil-gurnata in kwistjoni l-appellant kellu seba' zejda u mhux hamsa, b'dan illi t-tnejn zejda kienu mieghu ghax kien qieghed jaghmel pjacir lil omm li kien jaf u li talbitu jtellaghhomlha ghal gimgha.

Issa, hu hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 3(1) tal-Kap. 104 tal-Ligijiet ta' Malta min juza vettura bil-mutur fit-toroq kemm-il darba ghall-uzu tal-vettura minnu ma tkunx issehh polza ta' assigurazzjoni dwar ir-riskji ta' terzi persuni.

Pero` l-artikolu 10(1) tal-Kap. 104 jghid testwalment hekk:

**“Jekk, wara li jkun inhareg certifikat ta’ sigurta` taht is-subartikolu (4) ta’ l-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza lill-persuna li tkun hadet il-polza, tigi moghtija sentenza kontra persuna assigurata bil-polza, dwar responsabbilta` li ghandha tkun koperta minn polza taht is-subartikolu (1) tal-artikolu 4 ta’ din l-Ordinanza (meta hija responsabbilta` koperta bil-kondizzjonijiet tal-polza), f’dan il-kaz, ghad li l-assikuratur awtorizzat ikun jista’ jannulla jew ihassar, jew jkun annulla jew hassar il-polza, huwa ghandu, bla hsara tad-disposizzjonijiet ta’ dan l-artikolu, ihallas lill-persuni li favur taghhom tkun inghatat is-sentenza, kull soma ta’ flus li ghandha tithallas bis-sahha ta’ dik is-sentenza dwar ir-responsabbilta` fuq imsemmija ….”**

Is-subartikoli (2) u (3) jelenkaw serje ta’ eccezzjonijiet fejn l-assikuratur awtorizzat ikun ezenti minn tali obbligu ta’ hlas.

Fis-sentenza ta’ din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Angelo Scuderi** moghtija fit-3 ta’ Novembru 2005 intqal hekk dwar l-imsemmi artikolu 10(1):

**“Illi minn din id-dicitura ta’ dan l-artikolu kif emendat, jidher li una volta li jkun hemm polza ta’ assikurazzjoni li tkopri l-vettura in kwistjoni, jekk ikun hemm xi responsabbilta` ghal dejn civili, din tigi rizarcita mill-assikurazzjoni, sakemm ma jirrikorrux xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi elenkati fis-subartikolu (2) u (3), anki meta l-assikuratur ikollu dritt jannulla jew ihassar il-polza, ghaliex, per ezempju, id-driver ma jkollux licenzja. Imma hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova li ma jkunx hemm din il-kopertura minhabba xi cirkostanza indikata fis-subartikolu (2) u (3), u sakemm din il-prova ma ssirx minnha, tibqa’ l-prezunzjoni li hemm il-kopertura tal-**

**polza kontra r-riskji ta' terzi persuni kif tipprovdi l-ligi fis-subartikolu (1) fuq citat."**[1]

Fil-kaz in ezami l-appellant kellu licenzja tas-sewqan. Mix-xiehda ta' Paul Sciberras ghal Gasan Mamo Insurance mbaghad irrizulta li kien hemm polza ta' assigurazzjoni fis-sehh. Ma ngabet l-ebda prova li kien hemm xi wahda jew aktar mic-cirkostanzi li jezentaw lill-assikuratur milli jhallas. Ghalhekk ladarba hemm l-obbligu generali tal-assikuratur li jhallas kull fejn tkun inharget polza (u f'dan il-kaz rrizulta li polza nharget) u ma giex pruvat li tezisti xi wahda mill-eccezzjonijiet ghal din l-obbligazzjoni, jidher li ma rrizultatx pruvata t-tieni imputazzjoni.[2] Konsegwentement it-tieni aggravju qed jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tirriforma s-sentenza appellata, tirrevokaha in kwantu sabet lill-appellant hati tat-tieni imputazzjoni u kkundannatu ghal prigunerija ghal tliet xhur sospizi ghal sentejn u skwalifikatu milli jikseb xi licenzja tas-sewqan ghal zmien tnax-il xahar, u, in vista li l-gradilja diga` tqieghdet, tirrevokaha wkoll in kwantu ordnat li jesegwixxi l-ligi billi jaghmel il-gradilja fil-vettura AVY-020 fi zmien xahrejn u fin-nuqqas jehel penali ta' euro 4.66 ghal kull gurnata li jkompli tali nuqqas, u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

[1] Ara wkoll Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Stefan Apap**, 26 ta' April 2007.
[2] Ara Appell Kriminali **Il-Pulizija v. Charles Galea**, 7 ta' Mejju 2007.

---------------------------------TMIEM---------------------------------